**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2018/0166R(APP)**

17.10.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-Rapport interim dwar il-QFP 2021-2027 – Il-pożizzjoni tal-Parlament fid-dawl ta' ftehim
(2018/0166R(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Željana Zovko



*Magħquda fid-diversità*

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fir-rapport tiegħu:

1. Ifakkar li l-Artikolu 208 tat-TFUE, li abbażi tiegħu l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandha titwettaq fil-qafas tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, li għandha t-tnaqqis tal-faqar bħala l-għan ewlieni tagħha, u fit-terminu twil, il-qerda tal-faqar; jenfasizza li l-politika ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-Unjoni u dik tal-Istati Membri għandhom jikkomplementaw u jsaħħu lil xulxin. ifakkar li l-Artikolu 21(2) tat-TUE jiddisponi li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp tikkontribwixxi għall-objettivi tal-azzjoni esterna tal-UE; jappella għar-rispett sħiħ tal-impenji ġuridiċi tat-TFUE u tat-TUE u għal strument estern orjentat lejn l-iżvilupp fil-QFP 2021-2027 li jmiss;

2. Ifakkar fil-ħtieġa li jiżdiedu l-livelli attwali tal-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp (ODA) fl-intestatura esterna futura tal-QFP, u jilqa' ż-żieda modesta (fi prezzijiet tal-2018) proposta mill-Kummissjoni;

3. Jinnota li l-proposta għal Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) tirrifletti approċċ ġdid lejn il-politika estera u lejn il-politika tal-iżvilupp, li mhuwiex skont l-Artikolu 208 tat-TFUE; jissottolinja li l-qerda tal-faqar trid tkun l-għan aħħari tal-politiki tal-iżvilupp tal-UE u li l-qerda tal-faqar, kif ukoll l-iżvilupp uman, ambjentali u ekonomiku sostenibbli, l-indirizzar tal-inugwaljanzi, l-inġustizzja u l-esklużjoni, il-governanza tajba u l-paċi u s-sigurtà jridu jkunu l-objettivi primarji tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE fil-QFP li jmiss, flimkien mal-impenji tagħha fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) skont l-Artikolu 208(2) tat-TFUE;

4. Ifakkar li l-impenji tal-UE għall-implimentazzjoni tal-SDGs, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa dwar il-finanzjament għall-iżvilupp u l-Ftehim ta' Pariġi jridu jkunu ta' gwida għall-politika tal-iżvilupp tagħha; iqis li l-appoġġ tal-UE għal tali implimentazzjoni fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp irid iżomm l-approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u jiffoka fuq objettivi fuq żmien twil bħall-qerda tal-faqar, l-indirizzar tal-inugwaljanzi, l-inġustizzja u l-esklużjoni, u l-promozzjoni ta' governanza demokratika, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-ugwaljanza bejn is-sessi, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-ispazju tas-soċjetà ċivili u t-tisħiħ tal-iżvilupp sostenibbli u inkluživ, partikolarment fil-pajjiżi l-anqas żviluppati;

5. Jissottolinja li fil-QFP li jmiss irid jiġi żgurat li l-istrumenti esterni huma mmexxija mill-politika, li jservu bl-aktar mod effikaċi l-kisba tal-objettivi tal-politiki rilevanti, kif stabbilit fit-Trattati; ifakkar li l-interessi domestiċi tal-UE m'għandhomx imexxu l-aġenda tagħha fl-oqsma tal-viċinat, tal-iżvilupp, tal-għajnuna umanitarja u tal-kooperazzjoni internazzjonali; jissottolinja l-oppożizzjoni tiegħu għall-istrumentalizzazzjoni tal-għajnuna;

6. Jinnota li l-ħtiġijiet ġodda ta' finanzjament li jirriżultaw mid-deterjorament tal-kundizzjonijiet tas-sigurtà fil-viċinat tal-Unjoni Ewropea u miż-żieda fil-flussi tal-migrazzjoni lejn l-Unjoni jirrikjedu żieda fil-finanzjament fil-QFP li jmiss; jinnota li l-

isfidi l-ġodda jridu jiġu indirizzati flimkien mal-SDGs; iqis li l-ħolqien ta' NDICI għandu r-riskju li jiggrava l-problemi enfasizzati fir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-istrumenti ta' finanzjament estern, jiġifieri li d-domanda li dejjem qiegħda tikber minn oqsma ta' politika oħrajn tefgħet il-politiki tal-iżvilupp tal-UE lil hinn mill-għan tat-tnaqqis tal-faqar; jirrimarka li għalkemm il-baġitizzazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp hija tant mixtieqa, din ma tistax tiġi interpretata bħala żieda fil-finanzjament għall-iżvilupp;

7. Ifakkar li l-allokazzjonijiet tal-għajnuna fil-livell tal-pajjiż fi ħdan il-programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-UE għandhom jikkomplementaw il-politika estera, filwaqt li jiżguraw li l-finanzjament għall-iżvilupp jintuża biss għall-objettivi u finijiet relatati mal-iżvilupp u mhux biex ikopru spejjeż relatati mal-kisba ta' objettivi differenti, bħall-politiki dwar il-kontroll fil-fruntieri jew dawk ta' kontra l-migrazzjoni;

8. Jinnota li t-tfassil tal-istrument ta' kooperazzjoni għandu jħalli biżżejjed flessibbiltà għal programmi mfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi ta' pajjiżi terzi; itenni li sehem sostanzjali tal-għajnuna tal-UE għandha tiġi allokat għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, bħala l-mira primarja tal-ODA; jenfasizza li l-iżgurar tal-effiċjenza, l-effikaċja, il-viżibbiltà u l-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp matul l-implimentazzjoni, l-iżgurar tal-parteċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq id-drittjiet għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp, kif ukoll l-introduzzjoni ta' parametru referenzjarju ta' 20 % tal-fondi għal servizzi soċjali bażiċi, huma aspetti ewlenin tal-iżvilupp li jridu jinżammu u jitjiebu fiċ-ċiklu tal-QFP li jmiss;

9. Jenfasizza li l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittjiet tan-nisa u l-bniet u l-emanċipazzjoni tagħhom jridu jkunu objettivi sinifikanti fil-programmi kollha, ġeografiċi u tematiċi; iqis li l-baġit tal-UE għandu jkun sensittiv għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi u sensittiv għall-kunflitti;

10. Jinnota li l-NDICI propost għandu diversi mekkaniżmi ta' flessibbiltà bħal riżervi, miżuri ta' rpar u oqsfa ta' rispons rapidu; jenfasizza li għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq l-effetti ta' żieda fil-flessibbiltà fuq il-prevedibbiltà tal-ODA; jappella għal żieda fl-iskrutinju parlamentari u elaborazzjoni aktar ċara dwar il-governanza u l-istrutturi tiegħu; jinnota bi tħassib in-nuqqas ta' referenza esplicita fl-objettivi għall-qerda tal-faqar, l-iżvilupp sostenibbli, l-SDGs u l-ġlieda kontra l-inugwaljanzi; jissottolinja li dawn il-prijoritajiet iridu jiġu riflessi b'mod espliċitu fl-objettivi tal-istrument propost sabiex jitwettaq il-Kunsens għall-Iżvilupp;

11. Jiġbed l-attenzjoni għall-impenji internazzjonali tal-UE, li s'issa għadhom ma ġewx onorati, biex iżżid l-ODA għal 0,7 % tal-introjtu nazzjonali gross (ING), li 20 % minnhom imorru għall-iżvilupp tal-bniedem u l-inklużjoni soċjali, u 0,2 % tal-ING għall-pajjiżi l-anqas żviluppati sal-2030, kif ukoll li tipprovdi finanzjament ġdid u addizzjonali għall-azzjoni klimatika fil-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp; isostni li dawn l-impenji jridu jkunu riflessi b'mod xieraq fil-QFP 2021-2027;

12. Jilqa' u jitlob li tinżamm l-eliġibbiltà għall-istrument proposta ta' 92 % tal-ODA; jappella għad-delimitazzjoni ta' mill-anqas 20 % tal-ODA, fil-programmi kollha, ġeografiċi u tematiċi, kull sena u matul il-perjodu ta' żmien tal-NDICI għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, sabiex jiġi sostnut u msaħħaħ il-forniment ta' servizzi soċjali bażiċi, bħas-saħħa (inkluża n-nutrizzjoni), l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali,

b'mod partikolari għall-persuni l-aktar marġinalizzati inklużi n-nisa u t-tfal; jappella biex mill-anqas 85 % tal-ODA tkun dedikata għal azzjonijiet li għandhom l-ugwaljanza bejn is-sessi u d-drittijiet u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala objettiv ewlieni jew sinifikanti, fil-programmi kollha, ġeografiċi u tematiċi, kull sena u matul il-perjodu ta' żmien tal-azzjonijiet tagħha; jafferma li, barra minn hekk, 20 % ta' dawn l-azzjonijiet għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-emanċipazzjoni tan-nisa u l-bniet bħala objettiv prinċipali; jappella biex 50 % tal-istrument globali jkun iddedikat biex jikkontribwixxi għall-objettivi u l-azzjonijiet relatati mal-klima u l-ambjent;

13. Iqis li l-baġit tal-UE għandu jkun sensittiv għall-kwistjonijiet relatati mas-sessi u sensittiv għall-kunflitti, u jistieden lill-Kummissjoni timplimenta bbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru;

14. Ifakkar li l-allokazzjonijiet tal-għajnuna fil-livell tal-pajjiż ma għandhomx jiddependu minn ftehimiet dwar il-migrazzjoni mal-UE, u li ma għandu jkun hemm l-ebda devjazzjoni ta' finanzjament minn pajjiżi u reġjuni fqar għall-pajjiżi ta' oriġini jew ta' tranżitu tal-migranti lejn l-Ewropa għall-uniku fatt li dawn jinsabu fuq ir-rotta migratorja;

15. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-integrazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fil-baġit tal-UE, b'tali mod li tkun prevista wkoll l-addizzjonalità totali tal-fondi trasferiti b'dan il-mod;

16. Jilqa' l-istabbiliment ta' strument iddedikat għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u territorji extra-Ewropej bl-għan li jinkiseb l-iżvilupp sostenibbli tagħhom u li jiġu promossi l-valuri u l-istandards tal-Unjoni madwar id-dinja; jenfasizza, madankollu, il-ħtieġa li dan l-istrument jingħata riżorsi finanzjarji adegwati, b'diżaggregazzjoni li tkun adattata aħjar għall-ħtiġijiet u aktar bilanċjata għad-diversi pajjiżi u territorji extra-Ewropej;

17. Jirrikonoxxi l-isforzi sinifikanti li saru mill-Kummissjoni biex iżżid l-allokazzjoni għal-linja baġitarja tal-għajnuna umanitarja fil-QFP li jmiss; jinnota, madankollu, li din iż-żieda għadha ma tweġibx għal-livell ta' ħtiġijiet, li żdiedu b'aktar mid-doppju sa mill-2011;

18. Jenfasizza li huwa essenzjali li l-QFP li jmiss jikkonforma fl-intier tiegħu mal-prinċipju tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp, kif affermat fl-Artikolu 208 tat-TFUE, u jikkontribwixxi għall-kisba tal-SDGs;

19. Ifakkar li l-ugwaljanza tal-ġeneri hija minquxa fit-Trattati tal-UE u li għandha tkun inkorporata fl-attivitajiet kollha tal-UE għat-twettiq tal-ugwaljanza fil-prattika; jenfasizza li l-ibbaġitjar sensittiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru jrid isir parti integrali tal-QFP, permezz tal-inklużjoni ta' impenn ċar fir-Regolament dwar il-QFP;

20. Jilqa' l-ambitu estiż u ż-żieda fl-allokazzjoni tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, bl-għan li jkun hemm rispons ukoll għal kriżijiet interni; ifakkar fil-ħtieġa li tiġi ggarantita prijorità għall-kriżijiet umanitarji li jseħħu għal għarrieda barra mill-UE;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li tinħataf l-opportunità tal-QFP li jmiss biex jiġu appoġġati finanzjarjament l-operazzjonijiet fl-ambitu tal-kunċett ta' Kollegament bejn l-Għajnuna, ir-Riabilitazzjoni u l-Iżvilupp (LRRD); jissottolinja li l-implimentazzjoni tar-rabta bejn

l-aspett umanitarju u l-iżvilupp teħtieġ li tiġi żgurata l-komplementarjetà tal-attivitajiet tal-iżvilupp u umanitarji, u bidla ta' kultura lil hinn mill-enfasi fuq l-UE bħala donatur lejn aktar flessibbiltà operazzjonali u teħid ta' riskju, bl-għan li jiġu appoġġati l-LRRD, ir-reżiljenza tal-individwi u l-komunitajiet u l-irkupru u r-rikostruzzjoni bikrin; jappella għal pjanar u finanzjament aktar pluriennali fir-rigward tal-attivitajiet umanitarji tal-UE, u għall-introduzzjoni sistematika ta' modifikaturi tal-kriżi fl-attivitajiet ta' żvilupp tal-UE sabiex is-sħab tal-UE jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod effikaċi għall-implimentazzjoni tar-rabta bejn l-aspett umanitarju u l-iżvilupp;

22. Jissottolinja li l-QFP 2021/2027 irid jippreserva u jtejjeb is-sorveljanza u l-iskrutinju tal-Parlament dwar l-użu tal-fondi, permezz ta' mekkaniżmu u proċess deċiżjonali ċari għall-iżborż ta' fondi mhux allokati, li jiggarantixxu li l-Parlament ikollu impatt fuq il-fażi tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament estern; itenni li kwalunkwe proposta għal żieda fil-flessibbiltà trid tkun bilanċjata b'titjib fit-trasparenza u r-responsabbiltà.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Rapport interim dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 - Il-pożizzjoni tal-Parlament bil-ħsieb ta’ qbil |
| **Referenzi** | 2018/0166R(APP) |
| **Kumitat responsabbli** | BUDG |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | DEVE<br>13.9.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Željana Zovko<br>11.7.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni sostitut(a)** | Frank Engel |
| **Eżami fil-kumitat** | 30.8.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 9.10.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 21<br>–: 1<br>0: 3 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Nirj Deva, Mireille D’Ornano, Enrique Guerrero Salom, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Stelios Kouloglou, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Lola Sánchez Caldentey, Eleni Theocharous, Mirja Vehkaperä, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Thierry Cornillet, Ádám Kósa, Cécile Kashetu Kyenge, Florent Marcellesi, Paul Rübig, Kathleen Van Brempt |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Kati Piri |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| 21 | + |
|---|---|
| ALDE | Beatriz Becerra Basterrechea, Thierry Cornillet, Mirja Vehkaperä |
| ECR | Nirj Deva, Eleni Theocharous |
| EFDD | Ignazio Corrao |
| GUE/NGL | Stelios Kouloglou, Lola Sánchez Caldentey |
| PPE | Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Ádám Kósa, Bogdan Brunon Wenta, Anna Záborská, Joachim Zeller, Željana Zovko |
| S&D | Enrique Guerrero Salom, Cécile Kashetu Kyenge, Linda McAvan, Norbert Neuser, Vincent Peillon, Kati Piri, Kathleen Van Brempt |

| 1 | - |
|---|---|
| EFDD | Mireille D'Ornano |

| 3 | 0 |
|---|---|
| PPE | Paul Rübig |
| VERTS/ALE | Maria Heubuch, Florent Marcellesi |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni